# ISMIJIET TA' DWIELI U GĦENEB

*(Jissokta ma' dak li deher fil-ħarġa ta' "Il-Malti" ta' Marzu, 1967, faċċ, 22)*

*Ta' A.C.*

59. *MIĠNUNA SEWDA* — Għeneb tajjeb għall-ikel.
60. *MIĠNUNA TAL-PELLEGRIN JEW TAL-BOZOZ* — Għeneb tajjeb għall-ikel.
61. *MIĠNUNA TAWWALIJA TAL-KANNIZZATI* — Għeneb tajjeb għall-ikel.
62. *MUSKATELL TA' L-ITALJA* — Għeneb tajjeb għall-ikel u għall-għesir tal-inbid. Siġra ġdida.
63. *MUSKATELL TA' L-ILMA ŻAHAR* — Għeneb tajjeb għall-ikel u għesir.
64. *MUSKATELL ISWED* — Għeneb tajjeb għall-ikel u għall-għesir.
65. *MUSKATELL ISWED TA' AMBURGU* — Għeneb tajjeb għall-ikel. Tnisslet fl-1900.
66. *MUSKATELL ROŻA JEW MUSKATELL AĦMAR* — Għeneb tajjeb għall-ikel
67. *MUSKATELLUN ISWED* — Għeneb tajjeb ferm għall-ikel u għesir
68. *MUSKATELL ISWED TAL-GĦASSARI* — Għeneb tajjeb għall-ikel u għesir.
69. *MUSKATELL TAL-GĦASAFAR* — Siġra qadima. Il-frott aktarx jittiekel mill-għasafar. Ma tantx titfittex, la għall-ikel u lanqas għall-għesir.
70. *MUSKATELL TAN-NEBBIET* — Għeneb tajjeb għall-għesir.
71. *NEBBIETA TA' WIED ĦASRUN* — Tnisslet l-ewwel darba f'Wied Ħasrun ħdejn l-Imtaħleb. Għeneb tajjeb għall-ikel.
72. *NIGRU GROSS* — Għeneb tajjeb għall-ikel u għesir.
73. *NIGRU GROSS SEKOND* — Mhux mill-aħjar għall-għesir.
74. *NIGRUWA* — Iktarx l-aktar ikkultivata f'Għawdex. Għeneb tajjeb għall-ikel iżda mhux wisq għall-għesir.
75. *NUĊELLATA* — Dari fuq il-kannizzati. Għeneb tajjeb għall-ikel.
76. *NUĊELLATA ĦOXNA JEW ŻAQQ IN-NAGĦĠA ĦADRA* — Għeneb tajjeb għall-ikel. Iżjed użat għall-għesir.
77. *PASSULINA JEW PASSULINA SEWDA* — (Żbib iswed). Saret rari. Tajba għall-ikel, ukoll għall-għesir.

(*Jissokta*)



# ITTRI TAL-PROF. E. SUTCLIFFE, S.J.

*Ta'* NIKOL BIANCARDI

Ma' tul ħajtu l-bniedem jirċievi ittri li jitqattgħu wara li jinqraw; oħrajn li jinżammu għal ftit żmien imbagħad isibu ruħhom fil-qoffa tal-karti; u oħrajn, għeżież u tal-qalb, li jinżammu u jintrefgħu sal-mewt. Fost dawn għandi ħames ittri mibgħutin lili 33 sena ilu mill-Professur Edmund F. Sutcliffe, S.J., l-Awtur ta' "A Grammar of the Maltese Language", grammatika famuża li, jekk ma niżbaljax, għadha sal-lum tiġi studjata fl-Università Rjali ta' Malta.

Il-Professur Sutcliffe miet fl-1963, fil-għomor ta' 77 sena, f'Heythrop, Oxford, Ingilterra. Huwa kien Professur tal-Lhudi u tat-Testment il-Qadim u kellu fuq ismu xogħlijiet ta' studju kbir. Kien Membru-Korrispondent tal-Għaqda tal-Kittieba u ħabib kbir tal-Malti. Kien minħabba f'hekk li ġieh il-ħsieb li jikteb il-famuża grammatika tiegħu.

* * *

Billi ried jagħti xi xempji ta' kitba Maltija fil-ktieb tiegħu, Sutcliffe għażel xi ftit proża u xi ftit poeżijiet. L-ewwel ittra tiegħu lili kienet din:—

Heythrop College,
Chipping Norton,
Oxon.
Id-29 ta' Ġunju, 1934.

Għażiż Sur Biancardi,

Ktibt Grammatika Maltija; u nixtieq nagħti lill-qarrejja xi poeżijiet sbieħ. Għalhekk qiegħed nikteb din l-ittra biex nitolbok tagħtini s-sensja li nistampa l-poeżija (sunetti) tiegħek "Lil Żagħżugħ Raħli". Qrajtha fil-*Pronostcu Malti* għas-sena 1933. Ħadet l-ewwel premju fil-Konkors. Jisthoqqlok. Nifraħlek. Qiegħed nibgħat ittra wkoll lill-Proprjetarju tal-*Pronostcu* biex nitlob is-sensja tiegħu wkoll. Tara f'werqa (folja) oħra kif nixtieq nistampa l-poeżija tiegħek.

Jekk jogħġbok għidli x'iġifieri fil-poeżija tiegħek il-kliem: *minn ġmiegħi*. Irrid inqiegħed fil-ktieb tiegħi werrej tal-kliem.

Għoddni kollni tiegħek,
EDMUND F. SUTCLIFFE, S.J., M.A. (Oxon),
*Professur tal-Kotba Mqaddsa.*

* * *

Biex ma ntawwalx, m'iniex fi ħsiebni nxandar it-tweġibiet tiegħi wkoll billi dawn jinftehmu sewwa mill-ittri tiegħu stess li bagħatli wara, kif jidher minn din it-tieni waħda:—